**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**INFERURI**

**MAGISTRAT**
**DR ANTONIO MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)**

**Seduta tal-5 ta' Settembru 2002**

Avviz nru. 113/97

John Camilleri

vs

Is-Sindku u s-Segretarju ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali taz-Zebbug

Il-Qorti,

Permezz tal-avviz tieghu, l-attur talab, okkorrendo d-dikjarazzjoni illi l-konvenuti ma kellhom ebda dritt illi jiddisponu mill-magna diesel tal-marka Leyland proprjeta' ta' l-attur illi effettivament kienet ittiehed mill-konvenuti, li l-imsemmija konvenuti jigu kkundannati illi jirritornaw l-istess magna lill-attur fl-istat pristinu taghha u fin-nuqqas li l-konvenuti ihalsu l-valur tal-istess magna fl-istat li fih kienet tinsab qabel ma ttiehdet illegalment mill-konventi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-6 ta' Jannar 1997 kontra l-konvenuti u l-ittra ufficjali ta' Mejju 1997; u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Ghal fini tal-kompetenza gie dikjarat illi l-valur tal-magna de quo ma teccedix il-Lm500.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. illi d-domandi attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt u dan peress illi dak kollu li ghamlu l-konvenuti sar bil-kunsens pjen u effettiv ta' min kien responsabbli minn din il-magna;

2. Illi fi kwalunkwe kaz ma hemm ebda obbligu fil-konfront tal-attur li jirritornaw din il-magna.

Salvi eccezzjoni ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi r-regola generali hi li l-"onus probandi" hu fuq minn jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah – *ei incumbit probatio qui dici, non ei qui negat* – ghalkemm, jista' jigri, li fil-kors tal-kawza dan il-piz jghaddi fuq il-parti l-ohra, ghax ikun gie stabbilit fatt li juri 'prima facie' li t-tezi ta' l-attur hija sostnuta (ara Joseph Zammit –vs- Joseph Hili deciza per Imhallef W.Harding fis-27 ta' Gunju 1953).

Fil-kaz in disamina, li jittratta dwar magna diesel tal-marka Leyland, jirrizulta bhala fatt mhux kontestat, li l-proprjeta' ta' l-istess magna kienet ta' l-attur. Huwa spjega (xhieda fol 9) li kien zarmaha cirka f'nofs is-sena 1995 u hallieha fi Triq Gram, z-Zebbug, Ghawdex, precizament wara l-garage t'ohtu bl-intenzjoni li jdahhala fil-garage. Gara izda li wara tliet xhur il-magna giet nieqsa. Jirrizulta wkoll bhala fatt li din il-magna giet trasportata minn postha u mitfuha f'fossa fil-kors ta' xoghlijiet li l-kuntrattur, imqabbad mill-konvenuti, kien qed jaghmel f'din it-triq, liema xogholijiet jew it-tkomplija taghhom kienu qeghdin jigu ostakolati mill-magna.

Illi f'dan il-kuntest il-provi juru li din il-magna effettivament tnehhiet mill-kuntrattur li teffaha (espressjoni uzata mill-kuntrattur) gewwa l-hofra. Jghid il-kuntrattur (xhieda fol 32) li dan sar fuq istruzzjonijiet tas-Sindku tal-Kunsill Lokali konvenut u wara li kien cempel lil Gianni Camilleri, hu l-attur.

Illi a propositu x-xhieda ta' dan Gianni Camilleri (fol.18), li l-Qorti tqis rilevantissima ghad-determinazzjoni tal-kawza, jirrizulta "ex admissis" li huwa kien qal lis-Sindku, riferibbilment il-magna, "nehhuha – ghamlu biha xi tridu". Abbinat dan id-diskors mal-fatt li l-Kunsill Lokali kien qieghed jaqdi funzjoni moghtija lilu mil-ligi (ara Artikolu 33(1)(a) tal-Att XV 1993) u li l-attur kien negligenti, l-azzjoni minnu tentata m'ghandhiex tirnexxi. Jigifieri fil-fehma ta' din il-Qorti hemm nieqes totalment l-element ta' dolo jew ukoll culpa fl-azzjoni tal-

konvenut, il-Kunsill Lokali, li mhux biss kellu dritt, anzi obbligu, li jaghmel dak ix-xoghol, izda wkoll, li ghamel dak ragonevolment possibbli fir-rimozzjoni ta' l-ostaklu tal-magna billi nforma lil hu l-attur li min-naha tieghu mhux biss qal d-diskors fuq riportat, izda li fl-ebda hin ma avza li l-magna kienet proprjeta' ta' huh. Fuq kollox il-magna thalliet fi triq. *Qui jure suo utitur neminen laedit* jew kif espress fil-Kodici Civili, Artikolu 1030, "kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghall-hsara li tigri b'dan l-uzu".

Ghaldaqstant tiddeciedi billi tichad it-talbiet tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

(ft.) A.M.Trigona
Magistrat.

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur